SANTA LUĊIJA

## MINUTI – IS-SEBA' KUNSILL

**LAQGĦA NUMRU 18-2016**

Illum it-Tlieta, 23 ta' Awissu 2016

Il-Kunsill iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fis-1.30p.m

**PREŻENTI**

Is-Sindku Terrence Ellul, il-Viċi Sindku Frederick Cutajar u l-Kunsilliera: Liam Sciberras, Caroline Galea u Joe Bonello. L-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ, Claire Mamo ma kienetx preżenti għal din il-laqgħa.

**ASSENTI**

Hadt

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**1. MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 17-2016 li saret nhar it-Tnejn, 11 ta; Lulju 2016 ġew moqrija u approvati.

## *1.1 Mill-Minuti*

### *1.1.1 Jogging Track*

Il-Kunsilliera Caroline Galea irreferit għall-minuta 4.1 tal-laqgħa preċedenti u staqsiet dwar l-aħħar żviluppi fuq il-proġett tal-Jogging Track. Is-Sindku qal li kien iltaqa' mal-Perit tal-proġett li nfurmah li x-xogħol kien ser jibda fil-15 ta' Settembru 2016 u huwa ppjanat li jitlesta sa l-aħħar tas-sena 2016. Il-Kunsill indika fuq *site-plan* il-post fejn ser jitpoġġew il-ħames *water fountains* li ġew sponsorjati mill-kampanja *Catch the Drop*. Is-Sindku qal li dawn irid isir bażi għalihom. Huwa qal ukoll li kien qed jipproponi li taħt l-*exersice stations* isir bir-*rubber matting* u li kien talab lil Sport Malta jagħmlu żewġ *exersice stations* oħra. Is-Sindku qal li Sport Malta qed titlob li ġġib *container* bil-materjal fuq is-sit. Ġiet immarkata l-*area* fejn jista jitpoġġa dan il-*container*. Is-Sindku nforma l-Kunsill li ser ikun qed jiltaqa' ma' Sport Malta biex jiddiskuti dan il-proġett aktar fid-dettal u li kien ser iżomm il-Kunsill aġġornat b'kull żvilupp f'dan ir-rigward. Il-Viċi Sindku rrimarka l-importanza li jitneħħew il-friegħi tas-siġar taż-żebbuġ li qed jagħtu għal fuq it-track.

### *1.1.2 Taraġ fi Triq Mabel Strickland*

Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għall-minuta 4.3 tal-laqgħa preċedenti u staqsa kienx hemm xi żvilupp fir-rigward tat-taraġ fi Triq Mabel Strickland. Is-Sindku qal li kien kellem il-perit u għandu jiġi biex jara x'jista jsir.

### *1.1.3 Dawl ġdid fi Triq Bruka*

Il-Viċi Sindku rrefera għall-minuta 4.4.1 tal-laqgħa preċedenti u qal li fi Triq Burka l-*connection* tad-dawl tista tasal minn fuq u m'hemmx għalfejn issir trinka.

Fir-rigward tal-kwotazzjoni għal xiri ta' ħames LED *lanterns* li ntużaw fil-Jogging Track il-Kunsill qabel li għandu jintalab il-parir ta' Nexos Street Lighting dwar jekk dawn il-lanterni jistux jintużaw bħala *new street lighting* fi Triq il-Vjoli u Triq Tulipan fejn hemm nuqqas ta' dawl.

### *1.1.4 Żbir ta' siġar*

Saret referenza għal minuta 4.4.5 fir-rigward taż-żbir ta' siġar. Ġie nutat li żbir ta' siġar fejn il-monument tas-Simbiosi fi Triq Dun M. Mifsud għadu ma sarx. Issemma wkoll iż-żbir tal-Oleandri li għandu jsir fi Vjal Oleandri kantuniera ma' Triq il-Ġiżimin.

### *1.1.5 Community Workers Scheme – Memorandum Agreement*

Il-Viċi Sindku qal li l-ħaddiema tal-ETC mhux qed jagħmlu s-siegħat li suppost jaħdmu. Huwa qal li l-anqas il-*maintenance* li kellu jsir fil-Pjazza 7 ta' Lulju ma lestew tant hu hekk li kellhu jkompli s-Sindku. Huwa qal li dan huwa disrispett lejn il-kariġa ta' Sindku. Huwa qal ukoll li x-xogħol li sar ma sarx sew u l-ħitan tbajdu mingħajr ma l-ewwel tkaħħlu. Il-Viċi Sindku stqarr li dawn il-ħaddiema jridu jagħmlu is-siegħat tax-xogħol li suppost jagħmlu. Huwa qal li l-Kunsill qed iġibuh kompliċi tan-nuqqasijiet tagħhom.

Is-Sindku rrefera għal-*pump room* li fi Pjazza 7 ta' Lulju u qal li din hemm bżonn li jsir il-ħadid fuqha. Fuq dak li qal il-Viċi Sindku huwa qal li kien hu li ħa l-inizjattiva biex jiżboħ il-ħadid u mhux għax ma lestewx ix-xogħol il-ħaddiema tal-ETC.

Il-Kunsillier Bonello semma l-bankina li hemm ftit 'il bogħod mill-Klabb tal-Boċċi u qal li hemm biċċa biż-żrar. Is-Sindku qal li hemm biċċa oħra fl-istess kundizzjoni fi Triq Maria De Domenicis.

## 2. KORRISPONDENZA

### *2.1 Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn it-Tnejn, 11 ta' Lulju 2016 u t-Tlieta, 23 ta' Awissu 2016 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

### *2.2 Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

### *2.2.1 Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 0756-16-O – Ministeru Għat-Trasport u Nfrastruttura – Servizz ta' *security* fi Ġnien is-Serenita'
- 808-16-O - Sport Malta – Proġett tal-Jogging Track
- 0758-16-0 – Dipartiment Għall-Kura Primarja – *air conditioning system*
- 0869-16-O – Nexos Street Lighting – *letter of no objection*
- 0880-16-O – Klabb tal-Boċċi Santa Luċija – Euro 2016 rendikont finanzjarju

**2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:***

- 0786-16-I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Jum Dinji tat-Tfal
- 0788-16-I – Directorate Health Promotion and Disease Prevention – Piż Tajjeb tul Ħajtek
- 0832-16-I – LESA – Iktar Siġurta' fit-Toroq
- 0840-16-I – Dipartiment Għall-Gvern Lokali – Cirkulari 11-2016 – Espressjoni ta' Interess għall-persuni b'Diżabilita
- 0847-16-I – Educators – Premises for Child Care Centre
- 0857-16-I – Koperattivi Malta – Coops Day 2016
- 0859-16-I – Heritage Enterprise – WELCOME – project
- 0866-16-I – Dipartiment Għall Gvern Lokali – PQ 27342
- 0871-16-I – Departiment Għall-Kura Primarja – Debit Note SLLC Berga-1-2016
- 0874-16-I – Dipartiment Għall-Kura Primarja – Berġa f'Santa Luċija
- 0875-16-I – Primary Health Care – Health Eduational Talks Programme
- 0876-16-I – Primary Health Care – Health Educational Talks-Influenza Vaccine
- 0783-16-I - Island Insurance Brokers – Change of Shareholders
- 0784-16-I – Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura – Servizz ta' siġurta fi Ġnien is-Serenita'
- 0871-16-I – Reinbursement Debit Note : SLLC Berġa

**2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:***

- **SLLC Memo 22-2016 -Xogħol fi Triq il-Ġnien mill-Kuntrattur Ricky Caruana**
- **SLLC Memo 23-2016 - Żbir ta' bushes tal-Oleander**
- ***SLLC Memo 24-2016 - Lejla Sajfija u Mirja fi Triq Peprin***
- ***Report re: Visit to Gusu District in Suzhou Municipality China for the Signing of Twinning Agreement***

- ***Parliamentary Ombudsman – Annual Report 2015***
- ***Parlament ta' Malta – mill-Parlament Issue nru.13 Ġunju 2016***
- ***Kummisjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita'***

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0784-16-I il-Kunsill ġie nfurmat li l-Ministeru għat-Trasport ma jistax jilqa t-talba għal aktar servizz ta' siġurta fi Ġnien is-Serenita'.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 786-16-I il-Kunsill iddiskuta l-ittra li ntbagħtet mill-Kummissarju Għat-Tfal dwar il-Jum Dinji tat-Tfal li jiġi ċċelebrat kull sena fl-20 ta' Novembru 2016. Il-Kunsill qabel li jitlob is-suġġerimenti tal-Għaqdiet Mother and Child, Football Nursery, Girl Guides, Mużew u Abbatini li kollha jistgħu jiġu nvoluti f'din l-inizjattiva.

Il-Kunsilliera Caroline Galea ssuġerit li fl-okkazzjoni tal-Jum Dinji tat-Tfal għandu jsir avveniment fi Ġnien is-Serenita' li jagħti l-opportunita li kull waħda minn dawn l-għaqdiet biex itellu *corner activity* tagħhom.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 788-16-I il-Kunsill qabel li jikkollabora mad-Direttorat Għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard biex jiġi organizzat il-programm Piż Tajjeb Tul Ħajtek. Il-Kunsill qabel li għandha tintalab il-koperazzjoni tal-Kappillan biex ikun jista jintuża l-basement tal-Knisja biex fih isir dan il-programm.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 832-16-I il-Kunsill innota *e-mail* mill-LESA dwar aktar sigurta' fit-toroq fejn qed jiġi propost li jinżammu laqgħat immirati lejn liż-żgħażagħ u anzjani fuq dan is-suġġett. Il-Kunsill qabel li dawn il-laqgħat għandhom jiġu ikkordinati mad-Day Care Centre ta' Santa Luċija.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0847-16-I il-Kunsill innota talba għal *premises* biex fihom jingħata servizz ta' Child Care Centre. Il-Kunsill ma setax jilqa' din it-talba peress li m'għandux *premises* li jista' joffri għal dan il-għan.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0857-16-I il-Kunsill innota korrispondenza minn Koperattivi Malta u l-appell għal aktar koperazzjoni bejn il-Kunsill u Koperattivi Malta.

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0866-16-I il-Kunsill iddiskuta l-PQ 27342 dwar assistenza li talab il-Kunsill fuq proġetti, inizjattivi f'dawn l-aħħar tnax

il-xahar. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet ser tlesti t-tweġiba u tibgħata għal attenzjoni tal-Kunsill.

**3.8** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0871-I-2016 u 0874-I-2016 is-Sindku nforma l-Kunsill li d-Dipartiment Għal Kura Primarja kien ser iħallas l-ispejjeż kollha li saru fuq il-proġett tal-Berġa skond it-talba għar-rimbors li saret permess ta' *invoice* SLLC-Berġa-1-2016. Is-Sindku nforma wkoll li t-talba li l-Kunsill għamel lil istess Dipartiment biex jintraw *air conditioners* għal berġa ma ġietx milqugħa.

**3.9** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0875-16-I u l-0876-16-I il-Kunsill qabel li jipparteċipa fil-programm ta' taħdidiet dwar is-saħħa u dwar il-*vaccine* tal-Influenza offruti mid-Dipartiment għall-Kura Primarja. Il-Kunsill qabel li dawn it-taħdidiet jsiru fil-Berġa. Il-Kunsill qabel ukoll li għandha tinxtara *fridge* għall-Berga biex fiha jibdew jinżammu il-*vaccines*.

**3.10** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0783-16-I il-Kunsill ġie nfurmat li Island Insurance Brokers inxtrat mill-Argus Group of Bermuda. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Island Insurance li magħhom il-Kunsill għandu l-Insurance Policy, ser tibqa topera u toffri dan is-servizz.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 Mozzjoni 1-2016: *Ċirkulari Numru 11-2016: Espressjoni ta' Interess għal-Impjieġ ta' Persuna b'Diżabilita'*

Il-Kunsill approva mozzjoni 1-2016 li kienet proponuta mis-Sindku s-Sur Terrence Ellul u ssekondata mill-Viċi Sindku s-Sur Frederick Cutajar. Il-Kunsill qabel ukoll li l-impjieg għandu jkun relatat ma xogħol fl-uffiċċju amminstrattiv tal-Kunsill.

### *4.2 Proġett WELCOME*

Il-Kunsill ġie nfurmat li t-Twinning Project WELCOME ġie approvat mill-Unjoni Ewropea. F'korrispondenza mibgħuta minn Herrera del Duque fi Spanja li huma il-*lead partners* fuq dan il-proġett, il-Kunsill ġie nfurmat li d-dati taż-żjara li ser issir fi Spanja huma bejn l-20 u 26 ta' Ottubru 2016. Mill-istess korrispondenza ħareġ ukoll li l-istedina lil *partners* hija għal sitta minn nies li minbarra membri tal-Kunsill jistgħu jkunu wkoll NGO's lokali. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li l-ispiża nvoluta hija tal-biljetti tal-ajru li titħallas mill-parteċipanti.

Is-Sindku u l-Kunsillieri Liam Sciberras u Joe Bonello qablu li jipparteċipaw f'dan il-proġett.

### *4.3 Cirkulari Numru 8-2016 – Inizjattiva Finanzjarja Favur il-Kommunita' – Libreriji Lokali/Reġjonali*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-applikazzjoni għal fondi taħt l-inizjattiva hawn fuq imsemmija ġiet milqugħa mid-Dipartiment Għall-Gvern Lokali. Huwa qal li l-Kunsill ser jingħata s-somma massima ta' €600.00 kemm 'il darba jonfoq is-somma eqwivalenti f'xiri ta' kotba. Is-Sindku qal li din l-informazjoni ġiet ippreżentata lilu mill-Onor. Stefan Buontempo waqt ċerimonja li hu kien attenda għaliha filgħodu stess. Is-Sindku qal ukoll li l-librerija ta' Santa Luċija żiedet l-ammont ta' kotba għal erba' t' elef ktieb.

### *4.4 Monument fil-Ġnien is-Serenita'*

Il-Viċi Sindku semma l-monument li ġie inawgurat waqt attivita' fl-okkazzjoni tal-Anniversaju f'għeluq il-mitt sena mit-twelid ta' Dom Mintoff li saret fi Ġnien is-Serenita' nhar is-Sibt 6 ta' Awissu 2016. Huwa lmenta dwar il-fatt li l-Kunsill ma kienx infurmat li ser jitpoġġa monument fil-ġnien u lanqas kien infurmat li ser jintuża l-materjal li fadal mill-proġett tar-rinovazzjoni tal-Ġnien. Huwa qal li ried jagħmilha ċara li la hu u l-anqas il-membri l-oħra tal-Kunsill ma kienu ser joġġezzjonaw għal din l-inizjattiva, l-aktar meta tqis li hu kien trabba ma' Dom

Mintoff u uliedu. Il-Viċi Sindku kompla jgħid li l-ilment tiegħu hu għal fatt li l-Kunsill ma kienx qed jinżamm infurmat b'dan kollu kif suppost isir.

### *4.5 Ilment minn residenta rrekordjat*

Il-Viċi Sindku tkellem dwar ilment li għadditlu residenta li ħassitha offiża mill-imġieba tal-kuratur tal-Ġnien fil-konfront tagħha u tal-familja tagħha. Huwa qal li din ir-residenta kienet bagħtet għalih biex tinfurmah b'dan l-inċident u hu kien talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tkun preżenti bħala xhud ta' dak li kien ser jintqal. Huwa semma r-*recording* li aċċetat li tagħmel din ir-residenti fejn rrakuntat kif hi u l-familja tagħha marru jieħdu xi ritratti fi Ġnien is-Serenita' fl-okkażjoni tal-Ġriżma tat-Tfal u l-kuratur b'mod arroganti qalla li biex tieħu r-ritratti trid tagħmel permess mill-Kunsill meta jaf li dan mhux il-każ. Huwa kompla jgħid li mir-*recording* ħareġ ukoll li l-fotografu privat li qabdet din ir-residenta għamel kummenti u insinwazzjonijiet fuq il-kuratur li jista jkollom riperkusjonijiet serji. Il-Viċi Sindku qal li minuti biss wara li sar dan l-ilment huwa kien qed isemma dan ir-*recording* lis-Sindku.

Qamet diskussjoni fit-tul fuq dan il-każ. Il-Viċi Sindku qal li l-aktar ħaġa li nkwetatu kien l-atteġjament lejn in-nies. Is-Sindku qal li kien kellem resident ieħor li ssemma f'dan ir-rikording għax kien preżenti waqt dan l-inċident. Huwa qal li dan ir-resident qallu li ma kien hemm xejn minn dan li qed jissemma. Huwa kompla jgħid li jista' jgħati l-każ li l-fotografu ġieli kellu xi *clash* mal-kuratur għax ipprova juża l-ġnien mingħajr permess. Is-Sindku qal li kien ingħata parir mis-Surġent tal-Pulizija li l-Kunsill għandu jkellem il-fotografu biex jikkonferma dak li qalet din ir-residenta. Huwa qal li saru diversi tentattivi biex isir kuntatt ma' dan il-fotografu bil-*mobile* iżda dan qatt ma rrisponda jew irritorna t-telefonata.

l-Kunsilliera Caroline Galea staqsiet lis-Sindku x'passi kien ħa jieħu. Hija qalet li taqbel li jistgħa jkun li l-fotografu kellu xi *clash* mal-kuratur fil-passat iżda tħoss li jekk il-Kunsill ma jieħux passi jistgħa jidher bħala kompliċi.

Is-Sindku qal li kien infurmat li s-Segretarju Eżekuttiv kellha tinforma lilu qabel ma tkun presenti bħala xhud fuq dan l-ilment. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hi bħala Kap Amministrattiv tal-Kunsill ma tħoss li għandha titlob il-permess tas-Sindku biex tkun xhud ta' ilment li tressaq minn residenta. Hija qalet li ser tieħu parir fuq dan.

Il-Kunsilliera Caroline Galea qalet li l-kompitu tal-Kunsill huwa fil-konfront ta' dan il-persuna ta' fiduċja u ma tħossiex komda li ma tinġibidlux l-attenzjoni għal ġid tiegħu stess.

Is-Sindku qal li kien ser joqgħod fuq il-parir tal-Kunsilliera Caroline Galea u jkellem lill-kuratur fuq dan l-inċident.

### 4.6. *Laqgħa ma' Rappreżentanti ta' GAL Xlokk*

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar laqgħa li hu u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom ma' rappreżentanti ta' GAL Xlokk is-Sur Christian Salerno u s-Sur Terence Camilleri. Huwa qal li l-*budget* tal-GAL Xlokk taħt il-programm LEADER għal perjodu 2014-2020 huwa ta' 1.375 miljun euro li jridu jintefqu fuq proġetti immirati biex iħallu impatt pożittiv fuq il-ħajja fit-territorju tax-Xlokk. Is-Sindku qal li kien tkellem dwar il-proġett tal-*promenade* li jista' jsir parti minnu taħt dan il-programm. Il-parti mill-*promenade* li indika s-Sindku kien fil-bidu ta' f'Dawret it-Torri. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dawn il-proġett għandhom *co-financing* ta' 20% u l-Kunsill ikun jistgħa japplika għal co-financing kif ikun jaf l-istima ta' dan il-proġett.

Is-Sindku qal li dan il-proġett intlaqa' tajjeb ħafna mill-GAL Xlokk tant li fil-ġranet li ġejjen kellha ssir laqgħa bejn ir-rappreżentanti ta' GAL Xlokk u l-perit tal-Kunsill dwar dan il-proġett.

### 4.7. *Chinese Moon Festival*

Il-Viċi Sindku tkellem dwar l-attivita' tal-Moon Festival li qed tiġi organizzata mill-Kunsill flimkien maċ-Ċentru Kulturali Ċiniż u qal li għaliha ser ikun preżenti wkoll l-Ambaxxatur Ċiniż il-ġdid. Il-Kunsill qabel fuq il-lista tal-invitati u qabel ukoll li ssir bibita' għal wara l-attivita' għall-mistiedna speċjali. Il-Viċi Sindku qal liċ-Ċentru Kulturali Ċiniż ser ikopri l-maggoranza tal-ispejjeż fosthom il-kiri tal-palk, dwal u *sound system* kif ukoll ser jipprovdi x-xorb waqt il-bibita' fi tmien l-attivita'.

### 4.8 *Servizz tal-telephone, Internet u TV*

Is-Segretarju Eżekuttiv pproponiet lis-servizz tat-*telephone* u tal-*Internet* offruti lill-Kunsill jiġu kollha ma' *service provider* wieħed. Hija qalet li bħalissa l-Kunsill jirċievi ħafna *invoices* li jridu jiġu pproċċessati u b'din il-proposta l-Kunsill ikollu *invoice* waħda biss kull xahar. Hija qalet li l-Go offrew pakkett vantagjuż u għaldaqstant pproponiet li is-servizzi kollha tat-*telephone* u ta' l-*Internet*, TV etc.jiġu mal-Go p.l.c.. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

### 4.9 *Oħrajn*

- Rigward talba biex isir gandott fi Trejqet il-Ġiżimin quddiem blokk 15. Is-Sindku qal li din it-Triq ser issir il-*manhole* mill-kuntrattur Dimbros u l-gandott jiġi jagħti dirett għal ġol *manhole.*

- Rigward *lamp post* mingħajr *cover* fil-*playing field area* is-Sindku qal li dak kull darba isir il-*maintenance* fuqu u jerġu ikissruh.

- Rigward iċ-ċanet ta' madwar il-latrina pubblika f'Dawret it-Torri is-Sindku qal li ser niġbdu l-attenzjoni tal-ELC Ltd.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV 6231 sa numru BOV 6300 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal-perjodu bejn il-11 ta' Lulju 2016 u l-1 ta' Awissu 2016.

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 17-2016( 11-07-2016)

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Lulju 2016 Ammont *Gross* €4601.11

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet u Servizzi*

| Kuntrattur | Kuntratt/Kwotazzjoni | Kont | Ewro |
|---|---|---|---|
| Ricky Caruana | RM/PF (57-15-02) | 31052016 | 1843.48 |
| Joseph & Spiridione Zammit | RC(57-14-2016) | Serv. Lulju 2016 | 1983.72 |
| Owen Borg | PCA(57-14-02) | Serv.Lulju 2016 | 366.93 |
| ELC Ltd. | PKG57 | Serv.Lulju 2016 | 2061.50 |
| Ronald Bezzina | BR(57-16-2016) | Serv.-April 2016 | 708 |
| Ronald Bezzina | BR(57-14-16-2016) | Serv.-May 2016 | 582 |
| Nexos Str. Lighting | SL(57-09-04) | 2010961 | 1156.20 |
| Rite Mix (Gatt Bros.Ltd) | PPP(57-11-02) | Triq il-Ġnien – it-tieni pagament | 28,043.00 |
| Matthew Schembri | SLLC Q(57-15-07) | 0017-labour-June 16<br>0017-material | 328.75<br>301.00 |
| Matthew Schembri | SLLC Q (57-15-07) | 0018-labour-July 16<br>0018-material | 480.00<br>514.75 |
| Siro Camilleri | SLLC Q (57-16-04) | Kuratur tal-Ġnien ' Lulju 2016 | 369.00 |

### 5.4 *Approvazzjoni għal xiri ta' kotba għall-librerija pubblika*

Il-Kunsill approva kwotazzjoni għall-ammont ta' €302.23 f'xiri ta' aktar kotba għall-librerija pubblika ta' Santa Luċija. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li nofs dan l-ammont ser jitħallas mill-Iskema li għada kif ħarġet permess ta' Ċirkulari 8-2016

### *5.5 Kwotazzjoni għal water culvert fi Triq Pensjeri*

Il-Kunsill innota kwotazzjoni għal xogħol fuq water culvert ta' mitt pied tul fi Triq Pensjeri li huwa stmat li tiswa €3379.50. Il-Kunsill qabel li mhux lest jonfoq din l-ispiża. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kien ġie jkellimha r-resident li qed jilmenta li mindu sar ir-*resurfacing* tat-triq, għandu problema biex l-ilma tal-bitha jiskula l-barra meta tagħmel ħafna xita. Huwa ppropona mod aktar sempliċi kif tista tiġi ndirizzata din il-problema. Il-Kunsill qabel li tinġieb stima tax-xogħol involut kif qed jipporponi dan ir-resident.

### *5.6 Kwotazzjoni għal kostruzzjoni tal-logo ta' Santa Lucija fil-Jogging Track*

Is-Sindku ppreżenta kwotazzjoni għal ammont totali ta' €2447.38 għal kostruzjoni tal-logo ta' Santa Luċija fil-Jogging Track. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel li għandu jikkunsidra *options* oħra fosthom li jinstabu xi studenti jew artisti lokali li jagħmlu dan ix-xogħol b'mod volontarju. Il-Kunsillier Sciberras ser jaħdem fuq dan is-suġġeriment

### *5.7 Kont dwar xogħol ta' restawr ta' monument*

Il-Kunsill ma approvax kont ta' xogħol ta' restawr fuq il-monument ta' Dom Mintoff fi Vjal Oleandri peress li ma kienx hemm approvazzjoni tal-Kunsill għal din l-ispiża. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hi rċevit din l-*invoice* u resqitha għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku qal li jidher li kien hemm xi *misunderstanding* għax hu kien talab biss għal kwotazzjoni.

## 6. RAPPORT FINANZJARJU GĦAL PERJODU 01-01-2016 - 30-06-2016

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet għall-attenzjoni tal-Kunsill rapport finanzjarju li jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2016 sat-30 ta' Ġunju 2016 li kien ġie mħejji mill-*Accountant* tal-Kunsill is-Sinjura Debono għan-nom ta' DConsulta Ltd. Is-Sinjura Debono spjegat id-dħul u l-ħruġ finanzjarju tal-Kunsill għal perjodu msemmi u qalet lill-Kunsill għalaq l-ewwel sitt xhur tas-sena b'*surplus* ta' €9,490.00. Ġie nutat li l-flus li jdaħħal il-Kunsill mill-Bye-Laws ta' Ġnien is-Serenita għandhom jiġu reklassifikati u ma jibqux jidhru bħala kontribuzzjonijiet iżda bħala dħul mill-Bye-Laws. Is-Sinjura Debono qalet li l-infieq u dħul tal-Kunsill qiegħed jirrfletti l-estimi tal-Budget għas-sena 2016.

## 7. *BYE-LAWS* ĠNIEN IS-SERENITA'

Il-Kunsill ħass li mhux ser ikun hemm ħin biżżejjed waqt din il-laqgħa biex jiddiskuti dawn il-Bye-Laws. Għaldaqstant din il-materja tħallit għall-laqgħa oħra.

## 8. AMBAXXATRIĊI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Il-Kunsill iltaqgħa maż-żgħażugħa Rachel Mamo li ġiet nominata mis-Sindku għal kariġa ta' Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ. Il-membri tal-Kunsill tkellmu mas-Sinjorina Mamo fejn ġie spjeġat lilha x'inhu r-rwol ta' Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ u l-*commitment* li trid tieħu f'dan ir-rwol fosthom li tattendi għall-laqgħa tal-Kunsill mingħajr ma' jkollha dritt għal vot. Is-Sinjorina Mamo qalet li lesta tkun il-vuċi taż-żgħażagħ f'dan il-Kunsill u m'għandiex problemi biex tattendi għall-laqgħat.

Il-Kunsill approva n-nomina tas-Sinjorija Mamo bħala l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ għal Kunsill ta' Santa Luċija. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tinforma lid-Dipartiment dwar din in-nomina.

## 9. SOTTO-KUMITAT – OQSMA KOMMUNITARJI

Il-Kunsillier Joe Bonello nforma l-Kunsill li kien ser iwaqqaf Sotto Kumitat li tiegħu ser ikun iċ-Chairperson. Huwa qal li l-membri ta' dan is-Sotto Kumitat ser ikun kif ġej:

Joe Bonello Chairperson
Jane Pace – I.D.342253(M)
Ann Cutajar – I.D.740351(M)
Carl Farrugia – I.D.352782 (M)

Il-Kunsillier Bonello qal li l-membru Carl Farrugia kien ser ikun qed jirrappreżenta lil Persuni bi Bżonnijiet Speċjali fuq dan is-Sotto Kumitat

Il-Kunsill approva dan is-Sotto Kumitat u l-membri tiegħu.

## 9. BUS TERMINUS FI TRIQ ĠULJETTA LOPEZ

Il-Kunsill iddiskuta proposta ta' Trasport Malta fejn qed issir referenza għall-ilmenti ta' xi residenti li qed iddejjaqhom illi x-xarabank jibqa startjat għal xi għaxar minuti quddiem ir-residenza tagħhom fil-Bus Terminu fi Triq Guljetta Lopez. Il-Kunsill ma qabilx mal-proposta ta' Transport Malta biex il-venda tersaq għal post indikat fuq *site-plan* fi Triq Katerina Vitale fejn fil-present hemm il-Bus Stop Vitale. Fil-kummenti tiegħu l-Kunsill qal li b'din il-proposta tkun qed tixxiftja l-problema u mhux issolviha. Il-Kunsill baqa' jisħaq li l-ħin li l-xarabank qed iddum fuq il-*bus terminus* bil-maġna startjata huwa twil wisq u b'hekk qed ikun hemm dawn l-ilmenti mir-residenti.

## 10 TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fl-5.15 p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar it-Tlieta 27 ta' Settembru 2016 fl-4.30 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum <u>.................,..... ta' ..................… 2016</u>**

**Terrence Ellul**
**Sindku**